10 ta' Jannar, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Emmanuele Calleja *versus* Carmelo Grima et.

**Azzjoni Pawljana — "Animus Nocendi" — Lokazzjoni — Retratt — Mandat ta' Inibizzjoni — Danni — Art 1187 (1) Kodiċi Ċivili**

*L-azzjoni pawljana, jew revokatorja, hija mogħtija lill-kredituri f'isimhom biex jattakkaw l-attijiet magħmula b'qerq mid-debituri tagħhom bi ħsara tad-drittijiet tagħhom. Din l-azzjoni hija akkordata biss lill-kredituri; u biex wieħed ikun kreditur, jeħtieġ li jkollu kreditu.*

*Għall-eżerċizzju ta' din l-azzjoni hemm bżonn taż-żewġ elementi, l-"eventus damni" u l-"consilium fraudis", u, meta jkun jittratta minn att b'titolu oneruż, anki l-kompliċità tat-terz kontraent.*

*Imma dan ir-rimedju għandu jiftieħem mogħti mhux biss lill-kredituri pekunjarji, imma wkoll lil kulħadd ieħor li, meta jkun titolari ta' dritt valutabili pekunjarjament, isib ruħu defrawdat permezz ta' atti li jimpeduh, jekk ma jiġux annullati, illi jara li jiġu sodisfatti d-drittijiet tiegħu.*

*Il-kreditu għandu jkun anterjuri għall-att impunjat bi frode; imma din ir-regola tiġi eskluża meta l-att frawdolent ikun ġie magħmul għall-oġġett preċiż li jiġu defrawdati l-kredituri futuri.*

*Fil-każ preżenti, l-attur kien għamel att ta' konvenju fejn obbliga ruħu li jbiegħ fond u jikkonsenjah lill-kumpratur vojt u mhux mikri, u fl-istess ħin żamm id-dritt tar-retratt konvenzjonali. Malli sar l-att definitiv tal-bejgħ, huwa għarraf lix-xerrej li kien sejjer jeżerċita d-dritt tar-retratt konvenzjonali dak il-jum stess, kif fil-fatt għamel. Ix-xerrej irrivendielu l-fond, imma wara li krieh lil ħaddieħor. Ġie ritenut li dak l-attur kien kreditur għall-finijiet ta' l-azzjoni pawljana, u seta' għalhekk jeżerċita dik l-azzjoni biex jimpunja l-lokazzjoni li saret tal-fond minnu rkuprat. L-Ewwel Qorti rriteniet li fil-każ ma kienux jirrikorru*

*l-elementi ta' l-azzjoni pawljana; iżda l-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi l-kreditu ta' l-attur kien jeżisti sa minn meta huwa żamm id-dritt tar-retratt konvenzjonali, u illi kienu jirrikorru l-elementi ta' l-azzjoni pawljana minnu eżerċitata, illi d-dritt kreditorju tiegħu kien jippreċedi l-att tal-lokazzjoni magħmula mixxerrej lil ħaddieħor, illi l-"eventus damni" kien jikkonsisti filli l-lokazzjoni kienet att frawdolent li kien jipprivah mil-libera disponibilità tal-godiment tal-fond u mill-opportunità li jista' jiddisponi mill-fond, bħala "with vacant possession", bi prezz aktar konvenjenti, u illi dak l-att tal-lokazzjoni sar bi frode da parti tax-xerrej u bil-parteċipazzjoni xjenti tat-terz li kien ħa l-lokazzjoni; u għalhekk is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ġiet revokata f'dan ir-rigward.*

*L-"animus nocendi" mhux meħtieġ biex tiġi eżerċitata l-azzjoni revokatorja; imma huwa biżżejjed li jkun hemm ix-xjenza u l-previżjoni li l-att sejjer ikun leżiv għall-kreditur.*

*Jekk fl-għemil ta' min jottjeni l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma jirrikorrix l-element tal-vessatorjetà, min ottjena dak il-mandat mhux responsabbli għad-danni li jista' jsofri min jissubixxi dak il-mandat.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut Carmelo Grima, ma' l-att tar-rivendizzjoni minnu magħmula, naqas li jikkonsenjalu ċ-ċwievet tad-dar "Seinne", li tinsab Birkirkara, St. Mary Street, irkuprata minnu, għaliex il-konvenut Carmelo Grima kera d-dar fuq imsemmija lill-konvenut l-ieħor, li jiġi ibnu; u illi kwalunkwe att ta' lokazzjoni tad-dar fuq imsemmija tal-volta magħmula mill-konvenut Carmelo Grima favur il-konvenut l-ieħor hija annullabili, għaliex magħmula in frodi u in preġudizzju tad-drittijiet tiegħu; u illi huwa għandu dritt li jieħu lura mingħand il-konvenut Carmelo Grima s-somma ta' £9.10.1 spejjeż tal-mandat ta' inibizzjoni li ġie maħruġ fuq talba tal-konvenut Carmelo Grima kontra tiegħu fit-28 ta' Frar, 1953, somma li huwa ħallas lill-istess konvenut Carmelo Grima b'riżerva li jimpunja l-pagament fuq imsemmi; u huwa għandu dritt jieħu mingħand l-istess konvenut l-ispejjeż tar-risposta li huwa kien obbligat jagħmel wara l-imsemmi man-

dat, liema *spejjeż jammontaw* għas-somma ta' £1.5.0, u dan għaliex il-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi kien vessatorju; talab illi, wara li tiġi magħmula kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u *meħud kwalunkwe* provvediment opportun, għarraġunijiet fuq imsemmija, jiġi dikjarat u deċiż illi kwalunkwe lokazzjoni tad-dar fuq imsemmija talvolta magħmula millkonvenut *Carmelo Grima a favur* ta' ibnu Francis Grima hija annullabili di fronti tiegħu, u konsegwentement dikjarata riżoluta għal kwalunkwe fini u effett tal-liġi; u konsegwentement *il-konvenut Francis Grima jiġi* kundannat *jiżgombra* d-dar fuq imsemmija fi żmien qasir li tipprefiġġilu din il-Qorti; u l-konvenut Carmelo Grima jiġi kundannat iħallsu, anki, jekk *hemm bżonn, in linea* ta' danni, is-somma komplessiva ta' £10.15.1, inkwantu għal £9.10.1 spejjeż tal-mandat ta' inibizzjoni tat-28 ta' Frar, 1953, u inkwantu għal £1.5.0 *spejjeż ta' risposta* tat-2 ta' Marzu, 1953, li huwa kellu jagħmel wara dak il-mandat, u dan għar-raġuni li dawn l-ispejjeż ġew kaġunati vessatorjament *mill-konvenut* Carmelo Grima; bl-imgħax legali mill-ġurnata tal-pagament. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Marzu, 1953, kontra l-konvenuti, li ġew inibarrka biex jagħtu s-subizzjoni tagħhom. Salva kwalunkwe azzjoni oħra kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-17 ta' Mejju, 1954, li biha ddeċediet billi rrespinġiet it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li *kkunsidrat;*

Illi mill-kumpless tal-provi u mid-dibattitu orali jirriżulta illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża huma, fil-qosor, dawn li ġejjin;

Bi skrittura *privata* ta' l-14 ta' Frar, 1952, l-attur obliga ruħu li jbiegħ lill-konvenut Carmelo Grima l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, bil-kondizzjonijiet *indikati f'dik* l-iskrittura, fosthom dik li ma' l-att tal-bejgħ jiġu konsenjati lill-konvenut iċ-ċwievet tal-fond, u l-oħra li l-attur irriżerva favur tiegħu d-dritt tar-retratt konvenzjona*li*. Dan l-att tal-konvenju ġie rinnovat diversi drabi, għaliex dak il-fond kien mikri, l-inkwilin ma ħariġx, u għalhekk l-attur ma setax jaddivjeni għall-

kuntratt in vista ta' l-obligazzjoni li huwa kien assuma illi ma' l-att tal-bejgħ huwa kellu jikkonsenja ċ-ċwievet tal-fond lill-konvenut. Fit-12 ta' Awissu, 1952, l-attur ġie interpellat uffiċjalment biex jersaq għall-kuntratt tal-bejgħ u, billi huwa ma resaqx, il-konvenut intenta kawża kontra tiegħu biex jaddivjeni għall-pubblikazzjoni ta' dak il-kuntratt. B'sentenza tat-13 ta' Diċembru, 1952, dina l-Qorti illiberat lill-attur, allura konvenut, mill-osservanza ta' dak il-ġudizzju, għar-raġuni li l-azzjoni kienet intempestiva;

Il-konvenut Carmelo Grima kien ried jixtri l-fond għat-*tifel tiegħu*, *il-konvenut Francis Grima*, li kien għarus u ma kellux fejn imur joqgħod; liema ċirkustanza kien jaf biha l-attur u anki s-sensali adoperati f'dak in-negozju; u din kienet ir-raġuni għaliex il-konvenut kien ried illi mal-att tal-bejgħ kollu l-konsenja taċ-ċwievet;

Xi żmien wara s-sentenza li ssemmiet, il-konvenut osserva illi l-inkwilin li kien jiddetjeni l-fond kien qiegħed iġorr ħwejġu minnu; u billi l-attur ma kienx semmielu xejn dwar daqshekk, u anzi kellu suspett li l-attur kien sejjer jikri l-*fond lil ħadd ieħor*, huwa *talab lil dina l-Qorti l-ħruġ ta'* mandat ta' inibizzjoni kontra l-attur, biex dana ma jikrix il-fond lil ħadd u biex jiegħhulu vojt fit-termini ta' l-att tal-konvenju. Notifikat b'dik it-talba, l-attur irrisponda illi huwa kien jaf illi għadu marbut bil-konvenju, u aċċetta illi jidher għall-kuntratt tal-bejgħ. Fl-istess ħin huwa nforma lill-konvenut illi kien sejjer jeżerċita l-irkupru konvenzjonali pattwit fil-konvenju appena jsir il-bejgħ Dak il-mandat ta' inibizzjoni ġie spedit fit-3 ta' Marzu, 1953, u notifikat lill-attur fl-4 ta' l-istess xahar. F'din l-aħħar ġurnata l-konvenut ġie mogħti mill-marixxall eżekutur l-ittra bl-avviż ta' dik in-notifika;

Il-konvenut ma ddeduċiex azzjoni, għaliex fis-7 ta' Marzu, 1953, sar il-kuntratt tal-bejgħ bejnu u l-attur għand in-Nutar Emmanuele Agius. Fil-ħin li kien qiegħed isir il-kuntratt, l-attur reġa' qal lill-konvenut Carmelo Grima illi huwa kien bi ħsiebu jirkupra l-fond dak inhar stess. B'dan kollu, appena ġie effettwat il-kuntratt, l-imsemmi konvenut

ta b'lokazzjoni dak il-fond lill-ibnu, il-konvenut Francis Grima, bil-kera ta' £28 fis-sena, u rċieva minn għand dan £7 ta' tliet xhur kera, u rrilaxxjalu għalihom riċevuta li għamilha l-imsemmi nutar. Dak inhar stess l-attur eżerċita d-dritt ta' rkupru konvenzjonali li kien irriżerva favur tiegħu, u l-konvenut Carmelo Grima ġie notifikat biċ-ċedola relativa wkoll fl-istess ġurnata. In segwitu, wara ftit taż-żmien, dak il-konvenut irrivenda l-fond lill-attur;

Illi l-attur qiegħed jeżerċita *kontra* *ż-żewġ* konvenuti l-azzjoni *revokatorja* għar-rigward tal-lokazzjoni magħmula bejniethom, billi jippretendi illi dik il-lokazzjoni saret bi preġudizzju tad-drittijiet tiegħu; u *kontra l-konvenut* Carmelo Grima l-*azzjoni* għad-danni, billi jippretendi illi dawk l-ispejjeż imsemmijin fiċ-ċitazzjoni ġew kaġunati lilu minn dak il-konvenut vessatorjament;

Illi l-*azzjoni* revokatorja, jew pawljana, hi mogħtija lill-kredituri, f'isimhom, biex jattakkaw l-attijiet magħmula b'qerq mid-debituri tagħhom *bi ħsara tad-drittijiet* tagħhom (art. 1187 (1) Kod. Ċiv.). Din l-azzjoni hi akkordata biss lill-kredituri (Vol. XXVIII-II-559; III-1121). U biex wieħed ikun kreditur, jeħtieġ *illi jkollu kreditu* (Giorgi, Obbligaz. Vol. II, para. 263). Imbagħad, biex il-kreditur ikun jista' jeżerċita din l-azzjoni, hemm bżonn ta' żewġ elementi — l-"eventus damni" *lill-kreditur domandant*, u l-"consilium fraudis" tad-debitur. U meta jkun jittratta minn att b'titolu oneruż, anki l-kompliċità tat-terz kontraent — "fraudis non ignorantia ex parte *tertii*";

Illi r-rimedju ta' l-applikazzjoni ta' l-azzjoni revokatorja għandu jiftiehem mogħti mhux biss lill-kredituri pekunjarji, *imma wkoll lil kull ħaddieħor li, meta jkun titolari ta' dritt* valutabbli pekunjarjament, isib ruħu defrawdat permezz ta' atti li jimpeduh, jekk ma jiġux annullati, illi jara illi jiġu *soddisfatti d-drittijiet tiegħu* (Vol. XXVIII-I-254). Taħt dan l-aspett, u jekk jikkonkorru l-kondizzjonijiet kollha, l-attur jista', u għandu, jiġi kunsidrat bħala kreditur għall-finijiet ta' *l-azzjoni minnu eżerċitata*;

Dan il-kreditu, bħala regola, għandu jkun anterjuri għall-att impunjat bi frodi (Giorgi, ibid. para. 264); *imma* minn din

ir-regola tiġi eskluża l-ipotesi meta l-att frawdolent ikun ġie magħmul għall-oġġett preċiż li jiġu defrawdati l-kredituri futuri (Vol. XXVIII-I-254);

Fil-każ taħt eżami, ma jidherx illi l-attur kien kreditur, jiġifieri titolari ta' dritt valutabbli pekunjarjament, tal-konvenut qabel ma saret il-lokazzjoni fil-kwistjoni, u lanqas illi huwa kien allura kreditur futur. Fil-kawża ċitata, ir-retraent ma kienx, bħal ma hu f'din il-kawża, il-venditur tal-fond, imma kien persuna estranea għall-venditur; u ma kienx qiegħed jeżerċita d-dritt ta' rkupru konvenzjonali, li jibda jseħħ fiħ minn dak inhar ta' l-att tal-bejgħ, imma dak ta' rkupru legali, li jippre-eżisti għat-trasferiment li jagħti lok għall-għall-eżerċizzju tiegħu. Għalhekk ma jistax jingħad illi fil-ħin li saret il-lokazzjoni l-attur kien kreditur, almenu futur, fis-sens kif kontemplat f'dik is-sentenza;

Illi, anki jekk wieħed jipprexindi minn dan, ma jidherx illi kien hemm fl-attur, jekk kien kreditur, l-"eventus damni", u lanqas il-"consilium fraudis" fil-konvenut Carmelo Grima, wisq anqas il-kompliċità tal-konvenut Francis Grima. Ma jikkonkorrix "l-eventus damni" fl-attur, għaliex dana, bil-lokazzjoni magħmula mill-konvenut Carmelo Grima lill-konvenut Francis Grima tal-fond fuq imsemmi, ma sofra ebda danni, jew kważi ebda dannu. Dak li sofra kien in-nuqqas ta' £1.10.0 fis-sena, billi qabel il-fond kien mikri £29.10.0 fis-sena u l-lokazzjoni l-ġdida saret bit-£28 fis-sena. Imma, apparti li ma jirriżultax illi l-konvenuti kienu jafu kemm kien mikri l-fond qabel, u illi b'konsiderazzjoni tal-prezz tal-bejgħ il-kera li eżiġa l-konvenut Carmelo Grima kien ġust u raġjonevoli, l-attur jista' f'kull żmien, jekk irid, jirrikorri quddiem it-tribunal kompetenti biex jiġi stabbilit il-kera xieraq ta' l-istess fond;

Ma jikkonkorrix lanqas il-"consilium fraudis" tal-konvenut Carmelo Grima. Mal-kuntratt tal-bejgħ, dan il-konvenut sar il-padrun assolut tal-fond, u baqa' tali sakemm l-istess bejgħ ma ġiex riżolut bir-rivendizzjoni tiegħu li saret wara (Vol. XXX-II-333; XXII-I-268); u għalhekk f'dak il-perijodu huwa seta' jikri, kif kera, dak il-fond, ladarba huwa krieh b'kondizzjonijiet ġusti, kif intqal, skond id-dispożizzjo-

ni ta' l-art. 1619 tal-Kodiċi Ċivili. Hu veru li bis-sentenza ġa ċitata (Vol. XXVIII-I-254) ġie ritenut illi hi annullabili l-lokazzjoni konċessa mill-venditur lill-kumpratur *ta' fond lokatizju* bil-ħsieb li jiġi preġudikat l-eventwali retraent ta' dak il-fond, b'mod li dana jiġi distolt mid-drittijiet tiegħu għar-retratt, għaliex lokazzjoni simili tiġi magħmula bi frodi tad-drittijiet ta' l-eventwali kreditur, jiġifieri l-attwali titolar tad-dritt li jirkupra dak il-fond; imma, apparti l-konsiderazzjonijiet li ġa ssemmew, il-konvenut Carmelo Grima ma għamel xejn biex jippreġudika lill-attur, u f'dik il-lokazzjoni lanqas ma kien hemm xi prekonċert bejn il-konvenuti li l-attur ma kienx jaf biħ;

Tabilħaqq, l-attur kien jaf mill-bidu nett illi l-konvenut Carmelo Grima ried jixtri l-fond biex jagħtih lill-konvenut Francis Grima, tant illi fl-att tal-konvenju ġie pattwit, fost ħwejjeġ oħra, illi l-attur fl-att tal-bejgħ kellu jikkonsenja lill-konvenut Carmelo Grima ċ-ċwievet tal-fond vojt u mbattal. Il-kondizzjoni pattwita ta' l-irkupru konvenzjonali saret, kif ġie pruvat, pjuttost a benefiċċju ta' l-istess konvenut, jiġifieri, għall-każ li, jekk xi ħadd kellu jirkupra l-fond, jerġa' jieħdu huwa. U dan hu evidenti, għaliex, *jekk l-attur kellu* mill-ewwel il-ħsieb li jirkupra l-fond, huwa ma kienx mhux biss fl-att ta' konvenju jassumi l-obligu li ma' l-att tal-bejgħ jikkonsenja ċ-ċwievet tal-fond lil dak il-konvenut, jiġifieri vojt u mbattal, imma l-anqas ma kien jersaq għal dak l-att. Minn dan li ntqal jidher ukoll ċar illi ma kienx hemm, u l-anqas seta' kien hemm, il-kompliċità f'xi ħaġa tal-konvenut Francis Grima;

Illi, in kwantu għat-talba ta' l-attur għad-danni, ma jirriżultax *illi l-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi ġie mitlub* u ottenut mill-konvenut Carmelo Grima vessatorjament. L-attur jippretendi illi permezz tas-sensal kien informa lil dan il-konvenut malli l-inkwilin li kien jiddetjeni l-fond ħareġ minnu, u kkunsinna ċ-ċwievet qabel ma l-istess konvenut talab il-ħruġ ta' dak il-mandat. Għall-kuntrarju, il-konvenut jallega illi, meta dak l-inkwilin kien qiegħed jiżgombra mill-fond, l-attur ma qallu xejn, u ċ-ċwievet tal-fond l-attur taħomlu biss wara li huwa nnotifikaħ bit-talba lill-Qorti għal

l-ispedizzjoni tal-mandat. *Bejn dawn iż-żewġ* versjonijiet għandha tipprevali dik tal-konvenut; mhux preżumibili u verosimili illi l-konvenut kien sejjer jagħmel dik it-talba lill-Qorti kieku l-attur kien *infurmah* illi l-inkwilin kien *ħiereġ*, jew *ħareġ*, u anzi illi kien ikkonsenjalu ċ-ċwievet tal-fond. Wara kollox, is-sensal ma kkorroborax lill-attur f'din il-pretensjoni tiegħu; u *fir-risposta* tiegħu għat-talba tal-konvenut, l-attur semma biss illi kien lest biex jersaq għall-kuntratt, u mhux ukoll illi kien ġa kkonsenjalu ċ-ċwievet tal-fond, u lanqas *illi kien lest* biex jikkonsenjahomlu fuq dak l-att;

Rat fil-fol. 69 il-petizzjoni ta' l-attur, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li jiġu milqugħa d-domandi, *bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi*;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti huma suffiċjentement riepilogati fis-sentenza appellata, kif jirriżulta superjorment;

Din il-Qorti ma taqbelx mal-konklużjoni tal-Qorti tal-Ewwel Grad dwar l-ewwel talba, u tirritjeni li jikkonkorru fil-każ in ispeċje r-rekwiżiti *kollha* tal-azzjoni pawljana, ossija revokatorja. Infatti:—

1. L-attur, meta fl-att tal-bejgħ irriżerva d-dritt ta' l-irkupru konvenzjonali, kien *"kreditur"* tal-konvenut Carmelo Grima, fis-sens li kien intitolat jeżerċita kontra tiegħu dak id-dritt. Hi ħaġa notorja li l-kelma "kreditur", fl-azzjoni pawljana, għandha sens *lat u ġenerali*. Jgħid il-Prof. Antonio Butera, fit-Trattat tiegħu dwar din l-azzjoni, p. 454:— "Il vocabolo 'creditore' ha però senso lato e generale, sì da comprendere non solo colui al quale è dovuto il pagamento di una somma di denaro, o la consegna di cose mobili o immobili, o l'adempimento di una obbligazione in genere che può risolversi nel risarcimento dei danni, ma anche chi in un modo qualunque ha ricevuto lesione dall'atto fraudolento". Fil-każ in ispeċje, l-attur kien il-promissarju ta' l-immobbili f'każ li jeżerċita r-riskatt; u preċiżament ġie deċiż mil-Cassazione del Regno, 13 gennaio, 1931, Veraldi c. Gigliotti, numru 54,

illi "il promissario di un immobile è creditore ......" Del resto, dan hu konformi ma' testi rumani, u hu risaput li din l-azzjoni elaborat ruħha *gradwalment* miż-żmien tad-Dritt Ruman. Jgħid difatti Gaio, fr. 11 *Dig. de verb. sign.*, L. 16 :— "*Creditorum appellatione non hi tantum accipiuntur qui paecuniam crediderunt, sed omnes quibus ex qualibet causa debetur*". U Ulpiano, fr. 16. para. 2, Dig. qui et a quib., jgħid :— "*Creditores autem appellantur quibus quacumque causa actio cum fraudatore competat*";

2. F'dan il-każ ma hemmx bżonn li wieħed jaffronta l-kontroversja *sostnuta minn ċerti awturi*, verament in minoranza, jekk l-azzjoni pawljana tikkompetix f'xi każijiet lill-kredituri posterjuri, għax anki jekk *jitqies* li hija regola fondamentali u assoluta dik ta' l-anterjorità tal-kreditu għall-att frawdolenti, hu ċert li r-riżerva tad-dritt ta' l-irkupru konvenzjonali, u kwindi d-dritt kreditorju ta' l-attur, jippreċeda l-att frawdolenti tal-lokazzjoni magħmula mill-konvenut Carmelo Grima lill-konvenut l-ieħor, ibnu Francis Grima. Jgħid, *difatti, in-Nutar Emmanuele Agius*, xhud *f'din il-kawża*, fol. 25 ta' l-inkartament :— "Imbagħad, wara li ffirmaw, Karmnu Grima krieħ lill-ibnu l-post";

3. Għall-eżerċizzju ta' din l-azzjoni jeħtieġ li jkun hemm l-"eventus damni". Dan *jikkonsisti* fil-preġudizzju li jsofri l-kreditur mill-fatt tad-debitur; u l-preġudizzju jivverifika ruħu appuntu meta bil-fatt tiegħu d-debitur jilledi d-dritt kreditorju. Issa, f'dan il-każ, bil-lokazzjoni li l-konvenut Carmelo Grima għamel favur ibnu l-konvenut l-ieħor Francis Grima, hu *lleda lill-attur* fis-*sens* li pprivah mill-libera disponibbilità *tal-godiment tal-fond*. *Ipprivah ukoll mill-opportunità* li, f'każ li jerġa' jbiegħ il-fond, iġib prezz akbar tiegħu fiċ-ċirkostanzi attwali, għax ikun jista' jbiegħu, *kif jingħad*, "with vacant possession". Taħt il-liġijiet tal-kera attwali, anki *kera* għal żmien determinat jista' jiġi protratt indefinitament;

Jista', forsi, jiġi obbjettat li, meta Carmelo Grima xtara, hu, avvolja t-titolu tiegħu kien riżolubili, seta' jikri l-fond bissaħħa ta' l-art. 1619 tal-Kap. 23 Ediz. Riv., u li, kwindi, ma

jistax jiġi ritenut li għamel ħsara *lill*-attur ladarba l-għemil tiegħu kien skond il-liġi. Iżda mhux hekk. Irriżulta infatti mill-provi li, dak il-mument ta' l-att tal-bejgħ, l-attur qal espressament lill-konvenut *Carmelo Grima* li hu kien sejjer dak *il-ħin stess* il-Qorti biex jeżerċita d-dritt tar-rikompra, kif fil-fatt għamel. Issa, ġie awtorevolment deċiż illi, għalkemm id-dispożizzjoni fuq imsemmija (art. 1619) tapplika wkoll għall-każ ta' xerrej li l-akkwist tiegħu hu soġġett għarretratt legali jew konvenzjonali, eppure, il-lokazzjoni li ssir mix-xerrej taħt titolu *riżolubili hija nulla* jekk issir bi frode *tas-suċċessur*, u li "un ragionevole motivo di sospettare che la risoluzione del proprio titolo è probabile od imminente è nel compratore un *indizio di mala fede*, e potrebbe costituire una valevole congettura che la locazione conchiusa sotto tali circostanze sia stata intesa a defraudare il diritto altrui" (ara sent. "*Dr. Sammut* vs. *Negte. Cassar*", 19 ta' April, 1889, Vol. XVII-II-53). F'dan il-każ, mhux biss suspett raġjonevoli ta' l-imminenza tax-xoljiment tat-titolu, imma kien hemm *iċ-ċertezza li dak il-ħin stess* l-attur kien sejjer ixoljilu t-titolu bl-eżerċizzju tar-retratt konvenzjonali, kif fil-fatt sar dak il-jum stess;

4. Hemm anki, bla dubju, il-"consilium fraudis". Il-konvenut Carmelo Grima mhux biss, fil-fatt, ikkaġuna lill-attur *id-dannu fuq imsemmi*, iżda anki nn setax ma jkunx jaf li bil-lokazzjoni favur ibnu kien sejjer iġib dak id-dannu. Xejn ma jfisser li hu ried jagħmel il-lokazzjoni għal skop diversament onest *billi jikri* l-fond lill-ibnu li kellu bżonnu. Jgħid is-Solazzi (Revoca degli Atti Fraudolenti)—paġ. 116:— "Quantunque l'atto sia intrapreso per uno scopo onesto, quando *non di meno si prevede* che l'effetto arreca danno ai creditori, si ha sempre il-"consilium fraudis", ossia il debitore agisce "fraudandi causa" o "fraudationis causa". Chiunque *conosce l'effetto* di un atto, e tuttavia vuole l'atto, vuole anche quell'effetto; la rappresentazione dell'effetto della propria azione costituisce il contenuto della volontà".

Ma hemmx bżonn l-"animus nocendi" fis-sens, per eżempju, tat-truffa kriminali, imma hi biżżejjed ix-xjenza ta' l-att u l-previżjoni li dan ikun leżiv, b'mod li "dolus indeterminatus determinatur ab exitu";

5. Trattandosi ta' att oneruz, kif inhi l-lokazzjoni, jeħtieġ li jkun hemm, għall-finijiet ta' l-azzjoni pawljana, l-element tal-"participatio fraudis" mill-parti tat-terz (ċjoè, fil-każ in ispeċje, il-konvenut l-ieħor Francis Grima). Dan, kif jirriżulta mill-provi, kien preżenti meta sar l-att tal-bejgħ, u sema' lill-attur jgħid lill-konvenut, missieru, illi hu (l-attur) kien sejjer il-Qorti dak inhar stess biex jirkupra l-fond. Għalhekk ma setax "fraudem ignorare", u billfors kien "conscius" li l-"gestum" tal-lokazzjoni kien sejjer ineħħi lill-attur il-godiment tal-fond jew id-disponibilità ta' dak il-godiment; u konsegwentement Francis Grima kien "fraudem participans";

Jirrikorru, għalhekk, ir-rekwiżiti tal-azzjoni pawljana, u kwindi l-ewwel domanda hi sostnuta, bit-talbiet tagħha konsegwenzjali;

Ikkunsidrat, kwantu għad-domanda għall-ħlas tas-somma ta' £10. 15s. 1d. in linea ta' danni;

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li ma hemmx l-element tal-vessatorjetà; u fejn ma hemmx dan l-element, ma hemmx responsabilità għad-danni (App. "Mugliett vs. Dr. Bezzina", 29 ta' Jannar 1926);

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell tal-attur fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata, billi tirrevokaha kwantu għall-ewwel domanda u dawk konsegwenzjali, u tilqa' dawk id-domandi, ċjoè tiddikjara li l-lokazzjoni magħmula mill-konvenut Carmelo Grima favur ibnu l-konvenut l-ieħor Francis Grima hija annullabili di fronti għall-attur, u kwindi ixxoljiha, u tipprefiġġi ż-żmien ta' erbgħejn gurnata għall-iżgumbrament; bl-ispejjeż kontra ż-żewġ konvenuti, tant tal-ewwel kemm tat-

tieni istanza; u billi, previju r-rigett ta' l-appell relativ, tikkonfermaha kwantu għad-domanda l-oħra tad-danni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, relativi għaliha, kontra l-attur appellant;

U b'hekk ipprovdiet fuq l-appell.

---